# IL-KWADRU TAL-BAMBIN ĠESÙ FUQ L-ALTAR TAL-KUNĊIZZJONI ĠEWWA L-IMQABBA

*Dr Simon Mercieca*



**Nota Editorjali**

*Meta fl-2012 ippubblikajna l-ktieb Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli b'editorija ta' Charles J. Farrugia, ħarġet minjiera ta' informazzjoni dwar l-istorja tal-kult lejn l-Immakulata Kunċizzjoni u l-Madonna tal-Ġilju. Fost l-informazzjoni ġdida, kien hemm dik dwar il-preżenza ta' kwadru żgħir tal-Bambin Ġesù li kien fuq l-altar tal-Kunċizzjoni u li ma kienx instab f'dak il-perjodu. Peress li wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb dan il-kwadru nstab ħsibna li nippubblikaw din is-silta mill-ktieb kif ukoll ir-ritratt tal-kwadru tal-Bambin Ġesù kkumplimentat bi studju analitiku fuqu minn Dr. Simon Mercieca, l-istudjuż li kien irrefera għal dan il-kwadru fil-ktieb Sicut Lilium.*

## L-istorja ta' dan il-kwadru

L-ewwel darba li dan il-kwadru ta' Ġesù Bambin jissemma' hu fit-tieni żjara pastorali, li l-isqof tad-djoċesi Pawlu Alpheran de Bussan (1728-1757) kien għamel fl-Imqabba nhar l-20 ta' Ottubru 1737. L-ewwel żjara ta' dan l-isqof f'din il-lokalità kienet saret fit-26 ta' Mejju 1729.

Bħalma għamel fl-ewwel żjara, f'din it-tieni waħda, l-isqof Alpheran iddeskriva kull oġġett li kien hemm fil-knisja tal-Imqabba u anki ta tagħrif dwar id-dħul, li l-knisja u kull altar kellu. Dan il-kwadru nsibuh fuq l-artal imsejjaħ bħala dak ta' Marija Immakulata. L-artal jiġi deskritt bħala tal-ġebel. Il-kwadru prinċipali tiegħu kellu konografija tal-Kunċizzjoni. Dan il-kwadru kien deskritt li qiegħed fi gwarniċ kbir, skulturat u indurat u mqiegħed bejn żewġ kolonni tal-ġebel u huma wkoll kienu skulturati u indurati bid-deheb. Il-kwadru hu deskritt bħala wieħed li jirreferi fil-parti ta' fuq lill-Madonna mnissla mingħajr tebgħa u fil-parti ta' isfel lil Sant'Anna u l-erwieħ tal-purgatorju. Imbagħad fuq il-parti ta' fuq ta' dan l-artal kien hemm pittura żgħira li turi l-Ispirtu s-Santu forma ta' ħamiema. Il-lampier kien tar-ram isfar (aurilaco). Dan il-lampier kien deskritt bħala wieħed kbir u li kien qiegħed jinxegħel kuljum a spejjeż tal-istess altar. Id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni kienet qiegħda tikber fl-Imqabba tant li kien qiegħed ikun hemm flus biżżejjed biex il-lampier jibda jinżamm mixgħul kuljum.

L-isqof kiteb li dan "l-artal għandu sitt tareni fis-sena għas-servizz tiegħu mħollija minn Bartolomeo Magro fit-testment tal-mejjet nutar Bernardo Azzopardi fuq għalqa li tinsab fin-naħa ta' Bir Ziu u li għandha l-istess isem u li hija posseduta minn Bartolomeo Magro li jiġi n-neputi tal-istess fundatur u Giovanni Paolo Zammit u Giovanni Bonnici u dan l-artal għandu seba' unċi ta' kapital li għandu jieħu b'forma ta' bolla minn Giovanni Zahra u martu Caterina skont l-atti tal-mejjet nutar Giovanni Andrea Madiona skont id-data ta' 6 ta' April 1710.' [1] Il-festa fuq l-altar tal-Kunċizzjoni kienet f'dik il-ħabta ssir bl-għasar u quddiesa letta nhar il-Kunċizzjoni.[2]

Id-devozzjoni lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju kienet qawwija ħafna. Din kellha l-prokuratur tagħha, li kien differenti mill-prokuratur tal-artal. F'din il-ħabta l-prokuratur tas-Sodalità tal-Erwieħ tal-Purgatorju kien ċertu Mauritus Zahra u kien jagħmel il-quddies mill-ġbir li kien jiġbor.

Biss l-aktar oġġett ta' devozzjoni f'dan il-perjodu, fuq dan l-artal, kien inkwatru tal-Bambin Ġesù. Dan kien xi ħaġa ġdida fuq dan l-artal u kien tqiegħed riċentement. Dan kien protett bi ħġieġ, xi ħaġa rikka f'dan il-perjodu għaliex normalment kien jinġieb minn Venezja. Kellu numru ta' għotjiet ta' deheb b'ringrazzjament tal-wegħdi milqugħa. Din l-ikona jew pittura kien jieħdu ħsiebha l-prokuraturi tal-Veneranda Lampada,[3] jiġifieri dawk tal-knisja li f'din il-ħabta kienu l-Kjeriku Pasquale Zammit u Giovanni Schembri.[4]

Il-Veneranda Lampada kienet tkun marbuta mal-altar maġġur u fost id-doveri li kellha kien hemm dik tal-festa titulari. Tissejjaħ Veneranda Lampada b'riferenza għal-lampier li kien ikun hemm jixgħel f'nofs il-knisja, li kienet tkun risponsabbli ħalli tara li jinżamm mixgħul.

It-tielet żjara tal-Isqof Pawlu Alpheran li saret fl-Imqabba kienet nhar 26 ta' Settembru 1745 wara li kien żar Ħal Kirkop fi żmien il-Kappillan Dun Gio Paolo Zammit.[5] Ir-rendikont taż-żjara ta l-istess deskrizzjoni dwar l-artal, jiġifieri li kien wieħed tal-ġebel u li kellu kollox għall-quddiesa. L-isqof reġa' ta deskrizzjoni tal-kwadru tal-artal u l-prospettiva tiegħu. Reġa' semma l-kwadru ta' Ġesù Bambin u d-devozzjoni kbira li dan il-kwadru kellu lejh għax fih kellu ħafna oġġetti tad-deheb u tal-fidda mdendla, mogħtija b'devozzjoni mill-fidili. Il-prokura tiegħu kienet għada tieħu ħsiebha l-Veneranda Lampada.[6]

Waqt din iż-żjara pastorali, l-Isqof Alpheran appunta lill-Vigarju tad-Djoċesi, Dun Andrea Gurgion biex jaħtar il-prokuraturi għall-artal tal-Kunċizzjoni. Il-prokuratur tal-artal tal-Kunċizzjoni kien Giovanni Pietro Zammit.[7]

L-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan għamel l-aħħar żjara pastorali tiegħu ġewwa lImqabba fl-1754. Hu żar l-Imqabba nhar 3 ta' Mejju 1754

1 A.A.M. V.P. Vol. 33, p. 914.
2 Ibid. p. 915.

3 Ibid.
4 Ibid. p. 910.
5 A.A.M. V.P. Vol. 34, f. 349r
6 Ibid. ff. 354v-355r.
7 Ibid. ff. 361r-v

wara li kien spiċċa ż-żjara fil-Qrendi. Intlaqa' mill-Kappillan, Dun Giovanni Pawlu Zammit.[8] Inkiteb hekk dwar dan l-artal f'din iż-żjara.

Żar l-artal taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni tal-Beata Marija Verġni u l-Erwieħ tal-Purgatorju fil-kappellun fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja min-naħa tal-artal maġġur li sab li għandu mejda tal-ġebel imgħottija bl-injam, kompluta b'irħama tar-relikwi u tajba biex fiha isir is-sagrifiċċju tal-quddiesa, imżejjen tajjeb u għandu dak kollu li hu meħtieġ. Il-pittura tiegħu qiegħda ġo gwarniċ kbir tal-ġebel[9] li hu indurat bid-deheb u jinsab bejn żewġ kolonni li huma wkoll skulturati u indurati bid-deheb, (waqt li l-pittura) għandha fil-parti ta' fuq il-Beata Marija Verġni Mnissla mingħajr ħtija u fil-parti t'isfel hemm Sant'Anna u l-Erwieħ tal-Purgatorju u fuqu hemm imqiegħda pittura oħra żgħira li turi l-Ispirtu s-Santu forma ta' ħamiema u fuq l-ixkaffa tal-prima tal-altar hemm pittura oħra żgħira li turi lil Ġesù Bambin bil-gwarniċ tal-injam indurat bid-deheb u protett permezz ta' ħġieġa u mżejjen b'ħafna oġġetti tad-deheb u tal-fidda mogħtija mill-fidili bħala wegħda u din il-pittura jeħdu ħsiebha l-prokuraturi tal-knisja.

Il-festa ta' dan l-altar tkun ċelebrata bl-ewwel għasar, quddiesa letta kif kien nnutat fiż-żjajjar preċedenti. Mill-ġbir li jsir fil-knisja u madwar ir-raħal kienu jiġu ċċelebrati fuq dan l-altar quddies għall-Erwieħ tal-Purgatorju.[10]

Imbagħad, fl-14 ta' Mejju 1754, l-isqof appunta l-prokuraturi kollha tal-knisja. Il-prokuraturi tal-artal tal-Kunċizzjoni kienu Giovanni Zammit u Mauritius Zahra.[11]

L-isqof ta' wara Alpheran, Bartolomeo Rull (1758-1769) żar l-Imqabba nhar it-13 ta' Ottubru 1759 wara li kien żar il-parroċċa tas-Siġġiewi. Intlaqa' mill-Kappillan Dun Giacomo Tortella.[12] Din id-darba l-viżita tal-knisja saret minn Vigarju Ġenerali, Dun Giovanni Maria Azopardi Castelletti.[13]

F'din iż-żjara ngħata tagħrif importanti dwar l-artal maġġur dedikat lil Assunta. Ta' kull sena, nhar il-15 ta' Awwissu, kienet tkun iċċelebrata fuq dan l-artal il-festa tal-Assunta, bil-primi vespri, quddiesa kantata bil-prietka u b'purċissjoni li tulha tinħareġ l-immaġini (presumilment statwa) ta' Marija Verġni.[14] Dik il-ħabta kienet l-unika purċissjoni tal-Madonna li ssir fil-parroċċa. Imbagħad il-Vigarju għadda biex jitkellem dwar l-artal tal-Kunċizzjoni. L-artal kien nżebagħ biex jidher qisu rħam waqt li fil-kwadru jingħad bi żball, li kien fih l-immaġini ta' Sant'Antnin flok dik ta' Sant'Anna.

Żar l-altar taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni tal-Beata Marija Verġni u l-Erwieħ tas-Santissimu Purgatorju mwaqqaf fil-kappellun tax-xellug tal-knisja u sabu tal-ġebel u fuqu għandu xkaffa tal-injam u huwa komplut bl-irħama tar-relikwiji u tajjeb biex fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa, imżejjen tajjeb u għandu dak kollu li jeħtieġ. Il-pittura tiegħu hija mwaħħla ġol-ħajt fi gwarniċ bejn żewġ kolonni mibrumin u skulturati fil-ġebel u indurati bid-deheb. Il-kwadru għandu fil-parti ta' fuq tiegħu l-immaġini tal-Beata Marija Verġni Mnissla mingħajr Ħtija u fil-parti t'isfel, lil Sant'Antin u l-Erwieħ tas-Santissimu Purgatorju waqt li fuqu hemm tiddomina pittura oħra żgħira ta' forma tonda turi l-Ispirtu s-Santu waqt li fuq l-ixkaffa tal-artal hemm imqiegħda pittura oħra iżgħar bil-gwarniċ indurat bid-deheb u turi lit-tfajjel Ġesù, protetta minn ħġieġa u hija mimlija b'oġġetti ta' eksvoto tad-deheb u tal-fidda mogħtija mill-fidili bħala wegħda u miżmuma mill-prokuraturi tal-knisja u quddiem dan l-artal hemm imdendel lampier bit-tazza taż-żejt magħmul mir-ram isfar u jinżamm mixgħul fil-ġranet tas-soltu, mħallas mill-altar.

Imbaghad jgħaddi biex jitkellem dwar dan il-kwadru ta' Ġesù Bambin li kien hemm fuq l-artal u l-amministrazzjoni tiegħu.

Ir-Reverendu sinjur fired il-prokuraturi tal-knisja mill-amministrazzjoni tal-imsemmija ikona tat-Tfajjel Ġesù u ordna li titmexxa minn prokuratur speċifiku tagħha u għalhekk għażel bħala prokuratur tal-imsemmija pittura lil Giovanni Schembri bil-fakultajiet opportuni.

Il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ssir nhar it-tmienja ta' Diċembru u titħallas mill-artal li kellu

8 A.A.M. V.P. Vol. 35, f. 373v.
9 Ibid. f. 379v.
10 Ibid. f. 380r.
11 Ibid. f. 389v.
12 A.A.M. V.P. Vol. 37, f. 350r.
13 Ibid. f. 352r.

14 Ibid. f. 352v, *Festum celebrat die 15 Augti cum pris Vespris et Missa canta Concione et Procesne in qua deferi Simulacrum B,M.V.*

mħolli flus għall-użu tiegħu minn Bartholomeo Magri ta' sitt 'tareni' fis-sena kif stipulat fl-atti tal-mejjet Bernardo Azopardi fuq biċċa art bl-isem ta' Bir Ziu u magħrufa bl-istess isem.

Hemm ukoll fuq dan l-altar id-devozzjoni lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju u mill-ġbir li jsir kemm fil-knisja u kif ukoll fir-raħal jiġu ċelebrati quddies b'suffraġju għalihom.[15]

Dan il-kwadru ta' Ġesù Bambin nerġgħu nsibuh jissemma' matul iż-żjajjar tal-isqof Vincenzo Labini kien għamel lill-knisja tal-Imqabba. L-ewwel darba li jissemma' minn dan l-isqof kien matul iż-żjara li saret minn Labini fl-15 ta' Diċembru 1785. Tul din iż-żjara ta' 1785, l-isqof reġa' għażel jew ikkonferma l-prokuraturi tal-altari u fratellanzi. Iż-żewġ prokuraturi tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni jkunu issa Andrea Mallia u Gregorio Zammit. Jidher li l-isqof ma kienx kuntent bil-mod li l-fratellanza kienet qiegħda iżomm dan l-altar għaliex, din id-darba hu jappunta prokuratur differenti għall-altar tal-Kunċizzjoni u dan ikun Dun Lawrenz Zammit. Miegħu hu jkollu wkoll il-prokura ta' Ġesù Bambin.[16]

L-isqof Labini reġa' mar l-Imqabba nhar 14 u 15 ta' Novembru 1787. Il-kappillan kien Bartolomeo Caraffa.[17] F'din iż-żjara, l-isqof isegwi l-prerogattiva tiegħu li jagħżel u jappunta lill-prokuraturi u jiġu appuntati Mikiel Galea u Antonio Sacco bħala prokuraturi tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni waqt li Dun Andrea Magri ġie appuntat il-prokuratur tal-altar tal-Kunċizzjoni u tal-Prokura ta' Ġesù Bambin.[18]

Dan il-kwadru jerġa' jissemma fil-ewwel żjara li s-suċċessur ta' Labini, Monsinjur Ferdinando Mattei (1807-1929) għamel fl-Imqabba fl-1811. Tul din iż-żjara, l-isqof għamel xi tibdil fil-kompożizzjoni jew aħjar doveri tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni għaliex jagħti lil din il-fratellanza r-responsabilità biex tieħu ħsieb il-prokura ta' dan il-kwadru ta' Ġesù Bambin. Fi kliem ieħor, din il-Fratellanza kienet qiegħda tkun mgħobbija bil-piż li tagħmel il-festa tal-Milied. Kif kien jiġri dejjem, l-isqof għadda biex jaħtar il-prokuraturi tal-parroċċa fosthom dak tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni. Il-persuna maħtura kienet Paolo Azzopard. Azzopard ħa l-mandat kemm ta' prokuratur tal-Konfraternità tal-Kunċizzjoni u anke tal-prokura ta' Ġesù Bambin li issa kienu ngħaqqdu flimkien.[19]

Din l-għaqda bejn il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni u l-kwadru ta' Ġesù Bambin tibqa' fis-seħħ sal-1819. Fit-tieni żjara pastorali li l-isqof Ferdinando Mattei għamel fl-Imqabba, li saret nhar 9 ta' Novembru 1819, il-prokura ta' Ġesù Bambin ma baqgħetx aktar parti mill-Konfraternità tal-Kunċizzjoni.

Din iż-żjara kienet bdiet fl-1813 iżda kellha titwaqqaf minħabba l-pesta. Tul din iż-żjara, il-knisja l-qadima tal-Assunta ġiet iddedikata lis-seba' duluri tal-Madonna u anke sar kwadru ġdid juri d-Duluri, għall-altar maġġur tagħha. Fuq kollox, ġie magħmul kampnar ġdid u fih kellu jkollu qanpiena.[20] L-isqof għadda wkoll biex jikkonferma lill-prokuraturi. Il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni reġa' kien Paulo Azzopard. Bħal prokuraturi l-oħra, hu ngħata żmien ta' xahar biex jippreżenta l-kotba tal-infieq u d-dħul tal-fratellanza liddjoċesi.[21] Fuq kollox, minn din iż-żjara joħroġ, li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Stiefnu Zerafa, kien joqgħod attent li dawk li jintgħażlu bħala prokuraturi jkunu l-ewwel, nies litterati, jiġifieri jafu jiktbu u jaqraw u t-tieni, nies tal-affari tagħhom jew kif kienu jissejħu persuni 'solvibili', jiġifieri ma għandhomx djun u serji fl-amministrazzjoni tal-finanzi.[22]

## Il-kunċett ta' familja kif espress f'dan il-kwadru

Dan it-tagħrif miż-żjajjar pastorali jikkonferma li dan il-kwadru żgħir ta' Ġesù Bambin ġie impitter fil-bidu tas-seklu tmintax, iġifieri fi żmien meta l-familja kienet fiċ-ċentru ta' dibattitu politiku importanti fid-dinja Ewropea. Bħalma hu l-każ illum, il-kunċett ta' familja kien qed ikun diskuss fl-intimità tagħha, iġifieri dwar x'kien dak l-element li jagħmel familja. Kien hemm żewġ movimenti prinċipali fil-knisja. L-ewwel wieħed kien iħares lejn il-familja bħala l-post għar-riproduzzjoni

15 Ibid. f. 353v.
16 A.A.M. V.P. Vol 41, f. 158r.
17 A.A.M. V.P. Vol 42, f. 118r.
18 Ibid. f. 120v.
19 A.A.M. V.P. Vol. 48, f. 153r.
20 A.A.M. V.P. Vol. 49, f. 77r.
21 Ibid. f. 78v,
22 Ibid. f. 78A.

umana. L-ieħor aktar modern bħal li hija mibnija fuq l-imħabba. Ma dawn iż-żewġ elementi bdew jissemgħu ideat aktar radikali mmexxija mill-ħsieb Illuministi Franċiż fejn tnaqqsa l-importanza tal-kunċett tal-familja bħala l-post naturali għas-sess jew l-imħabba bejn il-koppji. Iż-żewġ pożizzjoni tal-knisja bdew dejjem aktar jidhru tradizzjonali u konservattiv. Min-naħa l-oħra tkun l-idea moderna tal-familja bħala ċ-ċentru tal-imabbħa li ser jerbaħ fid-dinja kattolika.

Storikament, l-element li kien jagħmel il-familja kienet il-ħajja sesswali tal-koppja. Matul is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, dan l-element beda jinbidel. Dak li jagħmel iż-żwieġ u l-ħajja miżżewġa ma baqax biss l-attività sesswali tal-koppja iżda miegħu ddaħħal kunċett ieħor, dak tal-imħabba bejn il-koppja. Fl-ewwel kunċett, l-emfasi kien fuq il-reproduzzjoni umana, iġifieri fuq kemm il-koppja kienet kapaċi ġġib tfal fid-dinja. Fil-fatt, il-kelma żwieġ, fil-lingwa Latina, Matrimonium, kienet tispjega dan il-fatt tajjeb għaliex b'din il-kelma kien qed jinftiehem l-istat ta' meta xebba tkun tista' ssir omm. Dan il-kunċett jibda jidher bħala wieħed konservattiv fis-seklu sbatax. Dak ibbażat fuq l-imħabba jsir il-kunċett progressiv u madwaru ser tinbena l-ħajja miżżewġa fil-familja wara ż-żwieġ. Fi kliem ieħor, l-istrutturi tal-familja kienu fi proċess ta' evoluzzjoni. Din tkun ir-risposta għal pożizzjoni aktar radikali ta' dawk li bdew jinnegaw il-bżonn tal-imħabba jew l-għaqda dejjiema fiż-żwieġ.

Fi kliem ieħor il-knisja Kattolika fl-Ewropa bdiet tagħti definizzjoni differenti tal-familja u tas-sesswalità, li ftit jew wisq hija dik li għandha llum. Iżda dawn iż-żewġ pożizzjonijiet ma kinux faċli sakemm intlaħqu.

Dan il-kwadru kkummissjonat għall-knisja tal-Imqabba juri l-viżjoni konservattiva, iġifieri tal-ħajja miżżewġa maħsuba primarjament bħala struttura għar-riproduzzjoni umana aktar milli bħala istituzzjoni ta' mħabba. Dan jispjega għala dan il-kwadru beda jkun assoċjat ma' wegħdi minn ommijiet tqal biex ikollhom ħlas feliċi jew ma' ommi biex ikunu fekondi. Kien żmien ta' meta r-rata tal-imwiet fost l-ommijiet tqal kienet għolja u r-rata f'Malta kienet waħda għolja ħafna u nofs in-nisa tqal kienu jmutu minħabba l-ħlas. Għalhekk wieħed jifhem l-importanza li beda jassumi dan il-kwadru u l-wegħdi li beda jirċievi matul is-snin. In fatti, it-toqob li fih huma indikazzjoni ċara tal-ġojjelli u ktajjen tad-deheb u l-fidda li kien ingħata matul is-snin tas-seklu tmintax.

Iżda anki l-ikonografija tiegħu hija ta' interess partikolari. Din ukoll tidħol fid-dominju tal-familja u ta' kif din l-istess familja kienet mifhuma fil-bidu tas-seklu tmintax. Il-kambjament li sar tal-kunċett taż-żwieġ ser ibiddel ukoll din id-definizzjoni tal-familja u magħha tinbidel ir-rappreżentazzajoni ikonografika.

Fuq livell soċjali, dan il-kambjament fil-kunċett ta' x'ifisser żwieġ nisrani, iseħħ fi żmien meta l-kunċett tal-familja ma baqgħax dak ta' waħda estiża, iġifieri magħmula mill-missier, l-omm u t-tfal, miz-zijiet, in-neputijiet u n-nanniet, iżda saret waħda aktar ristretta magħmula biss mill-missier u l-omm u t-tfal tagħhom. L-imħabba fil-ħajja miżżewġa tibda tkun assoċjata biss mal-ġenituri u t-tfal tagħhom. Din tal-aħħar bdiet tissejjaħ il-familja nukleari.

Fi Franza, il-familja estiża ġiet mogħtija interpretazzjoni bibblika. Nafu li omm Kristu kellha kuġina, Eliżabetta u b'hekk it-tifel ta' Marija u dak ta' Eliżabetta, iġifieri, San Gwann il-Battista, kienu sekonda kuġini. Iżda f'dan il-perjodu kienu saħansitra jitqiesu daqs kuġini. It-tradizzjoni kattolika tagħti aktar kuġini lil Kristu. San Guda tad-Dew hu meqjus bħala Kuġin ta' Kristu waqt li Ġakbu u mogħti bħala kuġin u hemm minn saħansitra jqiesu bħala hu Kristu. Iżda Gwanni hu l-uniku tifel li fuq livell bibliku jista' jitqies bħala kuġin ta' Kristu.

Meta t-teoloġi Franċiżi kienu jitkellmu dwar il-familja mqaddsa fl-aħħar tas-seklu sbatax, din dejjem kienet tingħata bħala magħmula, minn Marija, Ġużeppi, Kristu u Ġwanni l-Battista. Fi kliem ieħor, il-kunċett ta' familja ta' Kristu kien qed jirrifletti dak tas-soċjetà tas-seklu sbatax, magħmula mill-ġenituri, l-ulied u l-qraba. Zakkarija u Eliżabetta ma kinux ikunu inklużi għal fatt li peress li dawn kellhom l-Ġwanni fi xjuħithom, kienu qed ikunu mitqiesha li mietu ftit wara t-twelid tal-Battista u għalhekk qatt ma' jidhru fir-rappreżentazzjoni sagra. L-istess kien

qed jiġri lil San Ġużepp li kien mitqies ukoll kbir meta kellu lil Kristu. B'hekk ħafna mill-kwadri ta' 'l hekk imsejħa sagra rappreżentazzjoni fihom biss lil Madonna, il-bambin u lil San Gwann Battista.

L-istoriku Franċiż, Jean-Louis Flandrin jispjega li dan hu l-kunċett ta' familja mogħti fl-edizzjonijiet kollha ta' Fureière, li ħarġu bejn 1690 u 1732, u fl-ewwel ħames edizzjonijiet tad-Dictionnaire de Trévoux li ġie ppubblikat bejn 1704 u 1752 jew fl-ewwel żewġ edizzjonijiet tad-dizzjunarju tal-Academija.

Ikun fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, li l-figura ta' San Gwann il-Battista titneħħa minn din il-kompożizzjoni tal-familja mqaddsa. B'hekk id-Dictionnaire de Trévoux tal-1771, u dawk tal-Akkademija ta' 1740, 1762, 1798 u 1835, ikompli jispjega Flandrin, jiddeskrivu lill-familja Mqaddsa bħala '*a picture representing Our Lord, the Virgin, Saint Joseph and sometimes Saint John'. There is a fresh nuance in Littré (1863), who observes: 'The Holy Family, Joseph, the Virgin and the infant Jesus. A Holy Family, a picture representing the Holy Family, sometimes with Saint John*'.[23] Flandrin ikompli juri li llum, fid-dizzjunarju Franċiż The Petit Robert Dictionary, l-immaġini ta' San Gwann Battista tneħħiet għalkollox mid-deskrizzjoni tal-familja mqaddsa.

Flandrin jaħseb li dan seħħ minħabba xi problema teoloġika li kienet inqalet. Fil-verità dan it-tibdil jirrifletti biss tibdil fil-kunċett ta' familja u kif din kienet bdiet jitqies fl-Ewropa. B'hekk kif Franza tibda, fit-tieni nofs tas-seklu tmintax tikkontrolla t-twelid, iġifieri l-familji bdew jikkontrollaw kemm jagħmlu jew iġibu tfal, magħhom beda jinbidel il-kunċett tal- familja u minn waħda estiża, isir waħda nukleari. Dan il-mudell jerbaħ fuq il-mudell l-ieħor.

Dawn il-mudelli narawhom jiġu riprodotti fil-pittura. Pitturi qodma ġew spirati minn dan il-kunċetti ta' teoloġija Franċiża għal kif juru l-familja mqaddsa. Għalhekk f'ħafna mill-pittur ta' qabel is-seklu dsatax, insibu il-preżenza ta' San Gwann il-Battista ma' dik ta' tfajjel Kristu. Mit-tieni nofs tas-seklu tmintax, il-preżenza ta' San Gwann il-Battista tibda tonqos sew u minflok naraw l-kompożizzjoni tal-familja rrappreżentata kif nifhmuha llum, iġifieri, minn San Gużepp, bħala missieru, il-Madonna bħala l-omm u Ġesù ppreżentat bħala t-tfajjel jew tarbija.

F'dan il-kwadru tal-Imqabba naraw kompożizzjoni interessanti li tirrifletti dan il-kunċett qadim ta' familja estiża. Il-karattri umani huma tnejn, Ġesù u kuġinuh San Gwann il-Battista. F'dan il-kwadru, il-figura ta' ommu hija nieqsa. Dan seta' jsir mingħajr l-ebda problemi teoloġiċi għaliex dan il-kwadru tqiegħed fuq artal iddedikat lill-Madonna. Għalhekk minn ikkummissjoni dan il-kwadru seta' jħalli barra din il-figura u jitlob rappreżentazzjoni (anki jekk kopja ta' kwadru ieħor) li turi lit-tarbija Ġesù fil-qofol tal-kwadru. B'hekk fi kwadru ta' daqs żgħir, Kristu seta' jkun fiċ-ċentru tiegħu.

Il-fatt li fil-ħafna mill-kompożizzjoni tas-sagra familja, San Gużepp hu nieqes u San Gwann il-Battista narawh ma' Ġesù u l-Madonna biss, dan kien isir biex tkun aktar aċċentwat il-fatt li l-Madonna kienet safja kemm qabel u wara t-twelid ta' Kristu. Fi kliem ieħor dan jirrifletti l-importanza sesswali li kienet tingħata f'din il-ħabta lil kunċett taż-żwieġ. Il-preżenza ta' raġel kienet issaħħaħ l-kunċett tan-natura sesswali tal-ħajja miżżewġa kif spjegajt fil-bidu ta' dan l-istudju. Meta dan il-kunċett jinbidel, u l-imħabba tibda tkun emfasizzata fiż-żwieġ nisrani, tiddaħħal il-figura ta' San Gużepp biex ikun emfażizzat li l-familja trid missier u anki omm. Ikun f'dan il-perjodu li d-devozzjoni lejn San Gużepp kiber qatiegħ.

F'dan il-kwadru, it-tarbija Ġesù hija mogħti bħala sultan. Dan għaliex hu mqiegħed fuq imħadda ħamra li hija s-simbolu tar-regalja tas-slaten. Kuruni u xettri tas-slaten kienu jitqiegħdu fuq imħadded tal-bellus aħmar bil-ġnieġel tad-deheb. L-artista penġa lil San Gwann qed ibus idejn Kristu. Dan hu rifless ieħor ta' regalja passata. L-id tas-slaten kienet tiġu mbewsa (bħalma kien isir mal-isqfijiet) mis-sudditti tagħhom. Dan ikompli jsaħħaħ it-teoloġija Kattolika kif espressa fi Franza matul dan il-perjodu. Franza kienet tħaddan is-sistema monarkika magħrufa bħala dik tal-Liġi

23 Jean-Louis Flandrin, *Families in Former Times, Kinship, Household and Sexuality, Cambridge University Press, 1986, p. 8.*

Salika (Lex Salica). Fost numru ta' affarijiet, din il-liġi kienet tirregolarizza l-wirt fost il-familji nobbli. Is-sistema kienet tissejjaħ suċċessjoni agnatika jew kif inhi magħrufa bl-Ingliż bħala agnatic succession, iġifieri il-monarkija setgħet tgħaddi biss għand l-ewwel wild maskili. Dan kien ifisser li f'każ li s-sultan ma jkollux tfal jew tfal subien, il-monarkija kienet tgħaddi għand ħuh. B'hekk it-tifel il-kbir ta' ħuh, u f'każ li ħuh ma jkollux, jew ma hemmx tfal subien, l-ewwel kuġin maskili tal-Re, kien jieħu t-tron. Għalhekk il-kunċett ta' kuġin kien importanti fi Franza. Kien jingħata importanza kbira. Kif rajna San Gwann il-Battista kien l-uniku kuġin li b'mod ċar jissemma' fil-Bibbja. Fi Franza dan il-kuġin kien magħruf bħala "cousin germain", għaliex kien il-kuġin il-kbir tar-re, bħalma San Gwann Battista kien il-kuġin il-kbir ta' Kristu.

Element ieħor marbut mal-istorja tas-sesswalità hija dik tal-figura tal-anġli jew kif inhuma magħrufa bħala puttini. L-anġli huma ppreżentati bħala ras u ġwienaħ biss mingħajr ġisem. Dan jirrifletti l-kunċetti sesswali f'dik il-ħabta. It-tfal kienu mitqiesha li ma għandhomx sesswalità u għalhekk ma kienx hemm problema li wieħed ipinġi l-organi sesswali tagħhom, speċjalment dawk maskili.

Iżda forsi hawn għandna l-ewwel indikazzjoni lejn dan il-kambjament li qed isir. F'dan il-kwadru, dawn l-uċuħ tal-anġli ma jindikawx sess waqt li ma hemm l-ebda referenza viżiva għall-organi sesswali. Il-fatt li ma għandhomx ġisem sar b'mod espliċitu għaliex f'din il-forma, l-artist mhux biss kien qed jippreżenta stil ta' kif kienu qed jitpenġew l-anġli iżda dan l-istil kien qed jirrappreżenta ħsieb teoloġiku. Matul is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, l-iskola Franċiża tat-teoloġija, magħrufa bħal Gallikana, kienet temfasizza l-fatt li l-anġli huma asesswali, iġifieri ma għandhomx sess, ma għandhomx bżonn jagħmlu s-sess għaliex huma spiriti mingħajr bżonn ta' riproduzzjoni. Għalhekk kull indikazzjoni sesswali hija mneħħija fil-forma antropomorfika tagħhom.

Ir-Revoluzzjoni Franċiża tkisser dawn il-kunċetti kollha. Din ir-revoluzzjoni twassal biex Malta tinfatam mill-kultura Franċiża li kienet tant importanti f'pajjiżna u b'hekk kwadri bħal dawn ispirati minn kultura Franċiża, anki jekk ta' matriċi kattolika, jitilfu l-importanza tagħhom waqt li s-simboliżmu tagħhom ma jibqax jinftiehem. In-nies ma jibqgħux jidentifikaw rwieħhom magħhom. B'hekk ma jibqgħux attwali u dan jispjega għala jitwarrbu u posthom ittieħed minn kwadri jew opri oħra. Fuq kollox, matul il-perjodu Ingliż, tibda tkun affermata f'Malta kunċett ieħor tal-familja, dik ibbażata fuq l-imħabba marbuta ma' ħafna wlied. Dan il-kunċett jilħaq il-qofol tiegħu fl-epoka Vittorjana. Iżda l-istorja ta' dan il-kwadru turi li dawn l-influwenzi ġodda ġa bdew jinħassu ħafna qabel mar-Reġina Vittorja telgħet fuq it-tron tagħha. Il-fatt li l-isqof Mattei intervjena fuq l-amministrazzjoni ta' dan il-kwadru fl-1819, iġifieri dsatax-il sena wara t-tmiem tal-ħakma Franċiża, jikkonferma t-tibdil li kien qed jinħass f'pajjiżna minn din l-epoka ġdida li kienet ġiet fuqna.


TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju, Mqabba**

*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna wkoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**